IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.5.2019
COM(2019) 320 final

# ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU NRU 2
# TAL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2019

**Tisħiħ tal-programmi ewlenin li jtejbu l-kompetittività tal-UE: Orizzont 2020 u Erasmus+**

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019, kif adottat fit-12 ta' Diċembru 2018[2],

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2019[3], adottat fil-15 ta' April 2019,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 2 tal-baġit tal-2019.

## BIDLIET FIR-RAPPORT TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fir-rapport tan-nefqa tat-Taqsima III huma disponibbli fil-EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm). Il-verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'dan ir-rapport hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

[1] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
[2]. ĠU L 67, 7.3.2019.
[3] COM(2019) 300, 15.4.2019.

# WERREJ

**1. INTRODUZZJONI .... 4**

**2. TISĦIĦ TA’ ORIZZONT 2020 U ERASMUS+ .... 4**

**2.1. KUNTEST** .... 4
**2.2. TISĦIĦ TA’ ORIZZONT 2020** .... 4
**2.3. TISĦIĦ TA’ ERASMUS+** .... 5
**2.4. FINANZJAMENT** .... 5

**3. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP .... 6**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. INTRODUZZJONI

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 2/2019 huwa maħsub li jipprovdi EUR 100 miljun addizzjonali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għal Orizzont 2020 u Erasmus+ kif deċiż mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-ftehim tagħhom dwar il-baġit tal-2019. Ma hija proposta l-ebda żieda fl-approprjazzjonijiet ta' pagament.

### 2. TISĦIĦ TA' ORIZZONT 2020 U ERASMUS+

### 2.1. Kuntest

Fil-ftehim finali tagħhom dwar il-baġit tal-2019[4], il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ftiehmu *"li jibbaġitjaw EUR 100 miljun f'baġit emendatorju fl-2019 sabiex jissaħħaħ il-programm Orizzont 2020 u Erasmus+"*. Huma stiednu lill-Kummissjoni biex *"tippreżenta dan il-baġit emendatorju, li mhu se jinkludi ebda element ieħor, hekk kif l-aġġustament tekniku tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2020 inkluż il-kalkolu tal-marġni globali għall-impenji jitlesta fir-rebbiegħa tal-2019"*.

Ġaladarba l-aġġustament tekniku issa diġà ġie adottat[5], il-Kummissjoni tipproponi li temenda l-baġit tal-2019 biex ikun jirrifletti l-ftehim imsemmi hawn fuq.

### 2.2. Tisħiħ ta' Orizzont 2020

Orizzont 2020, il-programm emblematiku għas-sostenn tar-riċerka u tal-innovazzjoni, iffissa objettiv ambizzjuż għall-kontribut tiegħu għall-mira tal-klima tal-baġit tal-UE. Filwaqt li n-nefqa għat-tibdil fil-klima turi żieda konsiderevoli meta mqabbla mas-Seba' Programm Qafas għall-Finanzjament tar-Riċerka 2007-2013 (FP7, 7th Framework Programme), jenħtieġ li jiġu msaħħa miżuri speċifiċi bil-għan li jqarrbu l-mira li 35 % tal-baġit globali ta' Orizzont 2020 ikunu ddedikati għall-attivitajiet ta' riċerka b'rabta mal-klima. Għalhekk qed jiġi propost li jkunu allokati **EUR 80 miljun** addizzjonali għal attivitajiet u proġetti f'dan il-qasam, speċifikament għar-riċerka b'rabta mat-trasport u għat-Teknoloġiji Futuri u Emerġenti fil-qafas tal-proġett pilota tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (KEI):

- Il-Kummissjoni tipproponi li talloka EUR 34,6 miljun addizzjonali għall-partita tal-baġit *08 02 03 04 — Kisba ta' sistema tat-trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, tiffavorixxi l-ambjent, sikura u assjematika* ta' Orizzont 2020 biex jissaħħu l-azzjonijiet tal-2019 kontra t-tibdil fil-klima, b'mod partikolari l-batteriji, il-vetturi ekoloġiċi u s-sostenibbiltà ekoloġika tal-avjazzjoni.
- Il-Kummissjoni tipproponi li talloka EUR 45,4 miljun addizzjonali għall-partita tal-baġit *08 02 01 02 — Tisħiħ tar-riċerka fit-teknoloġiji futuri u emerġenti* ta' Orizzont 2020 biex jiżdied l-ammont għat-temi "Ġenerazzjoni tal-enerġija rivoluzzjonarja b'emissjonijiet żero għal dekarbonizzazzjoni sħiħa" u "Teknoloġiji li jirrigwardaw l-enerġija u t-tibdil fil-klima". L-azzjoni primarjament se ssostni l-identifikazzjoni multidixxiplinari ta' direzzjonijiet ġodda għall-ġenerazzjoni tal-elettriku nadifa, kumpatta u rħisa, u timmira lejn applikazzjonijiet awtonomi, mobbli jew portabbli f'kuntesti speċifiċi. Din tagħżel proġetti li jwittu t-triq għal teknoloġiji kompletament dekarbonizzati radikalment ġodda bħala mezz biex jiġi limitat l-effett tas-settur tal-enerġija fuq it-tibdil fil-klima.

[4] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2018 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar it-tieni abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019 (15205/2018 – C8-0499/2018 – 2018/2275(BUD)).

[5] COM(2019) 310, [14.5.2019].

## 2.3. Tisħiħ ta' Erasmus+

Erasmus+ hu l-programm tal-UE li jappoġġa l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport fl-Ewropa. Permezz tal-programm, iktar minn 4 miljun Ewropew se jkunu jistgħu jistudjaw, jitħarrġu u jiggwadanjaw esperjenza barra minn pajjiżhom matul il-perjodu 2014-20.

Il-Kummissjoni tipproponi li talloka **EUR 20 miljun** addizzjonali għall-partita tal-baġit *15 02 01 01 — Promozzjoni tal-eċċellenza u l-kooperazzjoni fil-qasam Ewropew tal-edukazzjoni u t-taħriġ u r-relevanza tiegħu għas-suq tax-xogħol* ta' Erasmus+. L-allokazzjoni tkun issaħħaħ is-sostenn finanzjarju tal-UE għall-attivitajiet fundamentali ta' mobbiltà tal-programm, b'mod partikolari fil-qasam tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, kif ukoll għaċ-ċentri ta' eċċellenza vokazzjonali. Din issaħħaħ ukoll l-*Universitajiet Ewropej*, azzjoni reċenti żviluppata fil-qafas taż-*Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025*[6].

## 2.4. Finanzjament

Minħabba n-nuqqas ta' marġni sal-limitu massimu ta' fondi għal impenji tal-intestatura 1a *Kompetittività għat-tkabbir u għall-impjiegi* fil-baġit ġenerali tal-2019, it-tisħiħ tal-approprjazzjonijiet ta' impenn ta' Orizzont 2020 u Erasmus+ se jiġi ffinanzjat mill-Marġni Globali għall-Impenji.

Il-Kummissjoni tqis li f'dan l-istadju l-approprjazzjonijiet ta' pagament għal dawn iż-żewġ programmi fil-baġit tal-2019 ma għandhomx għalfejn jiżdiedu.

6 Il-Komunikazzjoni dwar "It-tisħiħ tal-identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura" tal-14 ta' Novembru 2017, COM(2017) 673.

## 3. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

| Intestatura | Baġit 2019 (inkl. ABE 1/2019) | | Abbozz ta' Baġit Emendatorju 2/2019 | | Baġit 2019 (inkl. ABE 1-2/2018) | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | AI | AP | AI | AP | AI | AP |
| **1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv** | **80 527 449 848** | **67 556 947 173** | **100 000 000** | | **80 627 449 848** | **67 556 947 173** |
| *Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà* | *178 715 475* | | | | *178 715 475* | |
| *Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji* | *424 734 373* | | *100 000 000* | | *524 734 373* | |
| *Limitu massimu* | *79 924 000 000* | | | | *79 924 000 000* | |
| *Marġni* | | | | | | |
| 1a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi | 23 335 449 848 | 20 521 537 455 | 100 000 000 | | 23 435 449 848 | 20 521 537 455 |
| *Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà* | 178 715 475 | | | | 178 715 475 | |
| *Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji* | 74 734 373 | | 100 000 000 | | 174 734 373 | |
| *Limitu massimu* | *23 082 000 000* | | | | *23 082 000 000* | |
| *Marġni* | | | | | | |
| 1b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 57 192 000 000 | 47 035 409 718 | | | 57 192 000 000 | 47 035 409 718 |
| *Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji* | *350 000 000* | | | | *350 000 000* | |
| *Limitu massimu* | *56 842 000 000* | | | | *56 842 000 000* | |
| *Marġni* | | | | | | |
| **2. Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali** | **59 642 077 986** | **57 399 857 331** | | | **59 642 077 986** | **57 399 857 331** |
| *Limitu massimu* | *60 344 000 000* | | | | *60 344 000 000* | |
| *Marġni* | *701 922 014* | | | | *701 922 014* | |
| Li minnhom: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti | 43 191 947 000 | 43 116 399 417 | | | 43 191 947 000 | 43 116 399 417 |
| *Sottolimitu* | *43 881 000 000* | | | | *43 881 000 000* | |
| *Differenza dovuta għall-arrotondament eskluża mill-kalkolu tal-marġni* | *659 000* | | | | *659 000* | |
| *Marġni tal-FAEG* | *688 394 000* | | | | *688 394 000* | |
| **3. Sigurtà u ċittadinanza** | **3 786 629 138** | **3 527 434 894** | | | **3 786 629 138** | **3 527 434 894** |
| *Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà* | *985 629 138* | | | | *985 629 138* | |
| *Limitu massimu* | *2 801 000 000* | | | | *2 801 000 000* | |
| *Marġni* | | | | | | |
| **4. Ewropa Globali** | **11 319 265 627** | **9 358 295 603** | | | **11 319 265 627** | **9 358 295 603** |
| *Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji* | *1 051 265 627* | | | | *1 051 265 627* | |
| *Limitu massimu* | *10 268 000 000* | | | | *10 268 000 000* | |
| *Marġni* | | | | | | |
| **5. Amministrazzjoni** | **9 942 974 723** | **9 944 904 743** | | | **9 942 974 723** | **9 944 904 743** |
| *Limitu massimu* | *10 786 000 000* | | | | *10 786 000 000* | |
| *Li minnhom paċuti mal-marġni ta' Kontinġenza* | *- 253 882 156* | | | | *- 253 882 156* | |
| *Marġni* | *589 143 121* | | | | *589 143 121* | |
| Li minnhom: nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet | 7 747 285 803 | 7 749 215 823 | | | 7 747 285 803 | 7 749 215 823 |
| *Sottolimitu* | *8 700 000 000* | | | | *8 700 000 000* | |
| *Li minnhom paċuti mal-marġni ta' Kontinġenza* | *- 253 882 156* | | | | *- 253 882 156* | |
| *Marġni* | *698 832 041* | | | | *698 832 041* | |
| **Total** | **165 218 397 322** | **147 787 439 744** | **100 000 000** | | **165 318 397 322** | **147 787 439 744** |
| ***Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà*** | ***1 164 344 613*** | ***961 862 659*** | | | ***1 164 344 613*** | ***961 862 659*** |
| ***Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji*** | ***1 476 000 000*** | | ***100 000 000*** | | ***1 576 000 000*** | |
| ***Limitu massimu*** | ***164 123 000 000*** | ***166 709 000 000*** | | | ***164 123 000 000*** | ***166 709 000 000*** |
| ***Li minnhom paċuti mal-marġni ta' Kontinġenza*** | ***- 253 882 156*** | | | | ***- 253 882 156*** | |
| ***Marġni*** | ***1 291 065 135*** | ***19 883 422 915*** | | | ***1 291 065 135*** | ***19 883 422 915*** |
| **Strumenti speċjali oħra** | **577 248 000** | **411 500 000** | | | **577 248 000** | **411 500 000** |
| **Total Finali** | **165 795 645 322** | **148 198 939 744** | **100 000 000** | | **165 895 645 322** | **148 198 939 744** |